



# San Ġwann minn Matha u San Feliċ minn Valois

*Fundaturi tal-Ordni tat-Trinitarji għall-ħelsien tal-ilsiera*

minn Fabian Mangion B.A., S.Th. Lic.

Il-ħelsien tal-ilsiera kien dejjem meqjus mill-Knisja bħala opra ta' karità u ta' ħniena. Ħafna qaddisin taw ruħhom għal din il-ħidma ta' sagrifiċċji. Iż-żminijiet tal-Kruċjati, meta għadd hekk kbir ta' Nsara kienu fil-periklu l-ħin kollu li jaqgħu f'idejn l-infidili, raw il-bidu ta' bosta ordnijiet reliġjużi mogħtijin biss għal dan ix-xogħol. Dawn l-istituzzjonijiet nibtu speċjalment fil-pajjiżi li kellhom l-aktar x'jaqsmu mal-Mori u mat-Torok: Spanja u Franza. Wieħed minn dawn l-ordnijiet kien l-Ordni tal-Madonna tal-Merċedarji, imwaqqaf fl-1225 minn San Pietru Nolasco. Iżda qablu, u dan għadu jeżisti sal-lum, hemm l-ordni tat-Trinitarji mwaqqaf fl-1198 minn San Ġwann minn Matha flimkien ma' San Feliċ minn Valois.



*San Ġwann minn Matha*

## Żewġ skjavi fil-ktajjen

Ġwanni twieled minn familja nobbli u mogħtija lil Alla fit-23 ta' Ġunju 1160, lejlet il-festa ta' San Ġwann l-Għammied li għalih ġie msemmi, fil-belt ta' Faucon-de-Barcelonnette (Provence, Franza). Fil-belt ta' Aix huwa studja l-ħiliet kollha li jixirqu lil żagħżugħ nobbli iżda l-avvanzi l-aktar kbar li għamel kienu dawk tat-triq tal-virtù. Il-biċċa l-kbira ta' somma li kien jirċievi mid-dar biex jonfoqha għalih kienet tmur għand il-fqar u kull nhar ta' Ġimgħa kien iżur l-isptar u jgħin u jfarraġ lill-morda.

Meta spiċċa u mar pajjiżu kiseb mingħand missieru l-permess li jkompli din il-missjoni ta' karità. Wara żmien ħass is-sejħa għas-saċerdozju. Mar Pariġi fejn mhux biss sar qassis iżda għamel ukoll progress kbir fit-teoloġija tant li ħa d-dottorat mill-Università ta' Pariġi u ġie ordnat saċerdot f'Diċembru 1192. F'jum l-ewwel quddiesa, nhar it-28 ta' Jannar 1193, kellu viżjoni fejn ra żewġ

*ikompli f'paġna 72*

skjavi fil-ktajjen miżmuma minn idejhom, wieħed Mori u l-ieħor Nisrani. L-iskjav Nisrani kellu f'idu bastun b'salib aħmar u ikħal. Quddiem din id-dehra ġieh il-ħsieb li jiddedika ruħu għall-ħelsien tal-ilsiera u b'dan il-ħsieb f'moħħu mar jgħarbel dan il-proġett f'bosk fejn kien jgħammar Feliċ minn Valois, eremita magħruf dak iż-żmien.

Dan Feliċ, imwieled fis-16 ta' April 1127, kien membru tal-familja rjali ta' Valois. Għadda l-biċċa l-kbira ta' ħajtu, li ftit ferm nafu fuqha, ġo bosk fid-djoċesi ta' Meaux, imsejjaħ Gerfroid (Cervus Frigidus). Ma kellu ebda ħsieb li jitlaq minn hemm. Ġurnata waħda, waqt li kienu flimkien, kellhom viżjoni oħra ta' ċerv li deher qrib nixxiegħa b'salib aħmar u ikħal bejn qrunu. Ġwanni żvela lil Feliċ l-ispirazzjoni li kellu fil-jum li fih huwa ċċelebra l-ewwel quddiesa tiegħu. Feliċ qatagħha li l-ħsieb ta' Ġwanni kien ġej mis-sema u, għad li kien diġà kellu kważi sebgħin sena, fil-pront offra ruħu biex jagħmel dak kollu li Alla jixtieq. Għaldaqstant, flimkien bdew jistudjaw u jiflu kif għandhom jagħmlu biex iwettqu l-proġett.

Ħejjew ruħhom bit-talb u bis-sawm u fit-tmiem tal-1197 telqu lejn Ruma f'nofs ta' xitwa qalila sabiex jiksbu l-approvazzjoni tal-Papa Innoċenzju III. Dan il-Papa xejn ma kien miġbud li jkattar l-ordnijiet reliġjużi iżda, wara li sema' lit-tnejn u ħa l-parir tal-Kardinali, ikkonvinċa ruħu li l-ħsieb taż-żewġ qaddisin kien ġej minn Alla u li l-Knisja kienet se tikseb vantaġġi kbar minnu. Allura l-Papa approva r-regula tal-Ordni bil-Bolla *Operante divine dispositionis clementia* tas-17 ta' Diċembru 1198 u ħatar lil San Ġwann bħala l-ewwel ministru ġenerali.

**Ordni tat-Trinità Mqaddsa għall-ħelsien tal-ilsiera**

Il-Papa ried li l-membri jġibu libsa bajda, b'salib aħmar u ikħal fuq sidirhom, u



riedhom jieħdu l-isem ta' *Ordo S. Trinitatis et de redemptione captivorum* (Ordni tat-Trinità Mqaddsa għall-ħelsien tal-ilsiera). Ftit snin wara, fl-1209, il-Papa reġa' wettaq l-Ordni u żiedlu xi privileġġi. B'żieda mar-riskatt tal-ilsiera, l-iskop oriġinali tal-Ordni, kull komunità lokali ta' Trinitarji kellha tkun ta' servizz għall-fidili fil-madwar. Għalhekk, mal-ministeru tagħhom żdiedu l-ospitalità, il-kura tal-morda u tal-fqar u l-edukazzjoni fost oħrajn. Eventwalment, it-Trinitarji ngħataw ukoll għall-evanġelizzazzjoni.



***Salib tat-Trinitarji***

Iż-żewġ fundaturi, bil-barka tal-Papa, marru lura Franza fejn ir-re Filippu Awgustu laqagħhom tajjeb u għenhom ħafna. Billi l-għadd tal-membri beda jikber, id-Duka ta' Chatillon tahom l-art ta' Gerfroid (Cervus Frigidus), il-bosk fejn kienu ltaqgħu l-ewwel darba, fejn bnew il-monasteru ewlieni tal-Ordni.

L-ewwel żewġ membri mibgħutin minn Ġwanni barra minn Franza marru l-Marokk (1201) fejn ħelsu 186 ilsir mill-ewwel vjaġġ. Is-sena ta' wara Ġwanni mar Tunes fejn ħeles 110 oħra. Reġa' lura Franza, ġabar somma kbira ta' flus, u mar biha Spanja fejn ħeles għadd kbir ta' lsiera taħt il-Mori. Fl-1210 reġa' mar Tunes fejn sofra ħafna minħabba s-suċċessi li kiseb. Sadattant ir-re S. Lwiġi ta' Franza ħa bosta membri miegħu fil-kruċjata u tahom qasam art f'Pariġi fejn bnew il-kunvent prinċipali tal-Ordni ddedikat lil San Maturin.

Meta minn Tunes, Ġwanni reġa' lura Ruma, Feliċ, minkejja x-xjuħija tiegħu, mar amministratur tal-provinċja Franċiża u tad-dar prinċipali tal-Ordni f'Gerfroid fejn miet ta' 86 sena fl-4 ta' Novembru 1212. Ġwanni miet f'Ruma fis-17 ta' Diċembru 1213.

Bil-ħidma tagħhom fl-ewwel tliet sekli, it-Trinitarji ħelsu mill-jasar 90,000 ilsir. L-aktar magħruf fost dawn kien l-akbar kittieb ta' Spanja u wieħed mill-akbar tad-dinja, Miguel de Cervantes, l-awtur ta' Don Quixote. Meta miet fit-22 ta' April 1616 ġie midfun skont ir-rieda tiegħu mat-Trinitarji fil-kunvent ta' Madrid, liebes ta' Terzjarju Trinitarju.

Il-ħidma tat-Trinitarji swititilhom sagrifiċċji kbar u ta' sikwit ukoll ħajjithom. L-awtur tal-istorja tal-Ordni, Tarizza, jgħid li mill-1198 sal-1622 mietu maqtulin mit-Torok 7,215-il membru. Fis-seklu XV l-Ordni kellu 880 kunvent li fil-bidu tas-seklu XVIII niżlu sa 250.

Lejn l-aħħar tas-seklu dsatax, it-Trinitarji bdew joktru fl-Italja u fi Spanja. L-imseħbin iddedikaw lilhom infushom għat-tixrid tal-qima lejn it-Trinità Qaddisa, għall-evanġelizzazzjoni ta' dawk li mhumiex insara, għall-edukazzjoni taż-żgħażagħ u għall-ħidma pastorali. Illum id-dar ġenerali tal-Patrijiet Trinitarji tinsab f'Ruma.

**Taħt il-Patroċinju tal-Madonna tar-Rimedju t-Tajjeb**

San Ġwann waqqaf it-Trinitarjani biex imorru lejn is-swieq tal-iskjavi, jixtru l-iskjavi nsara u jilliberawhom. Biex iwettqu din il-ħidma, it-Trinitarjani kellhom bżonn ammonti kbar ta' flus. Għalhekk qiegħdu l-isforzi tagħhom ta' ġbir ta' fondi taħt il-patroċinju ta' Marija.



***San Feliċ minn Valois***

*ikompli f'paġna 74*

Bi gratitudni għall-assistenza tagħha, San Ġwann minn Matha onora lil Marija bit-titlu ta' 'Sidtna Marija tar-Rimedju t-Tajjeb'. Id-devozzjoni lil Marija taħt dan it-titolu qadim hija mifruxa sew fl-Ewropa u fl-Amerika Latina, u l-Knisja tiċċelebra l-jum tal-festa tagħha fit-8 ta' Ottubru. Fl-ikonografija, il-Madonna tar-Rimedju t-Tajjeb hija sikwit murija bħala l-Verġni Marija tagħti borża flus lil San Ġwann minn Matha.



*Madonna tar-Rimedju*

Il-kult lejn iż-żewġ qaddisin ġie mwettaq uffiċjalment mill-Papa Alessandru VII fil-21 ta' Ottubru 1666. Il-festa ta' San Ġwann minn Matha tiġi ċċelebrata fit-8 ta' Frar u dik ta' San Feliċ minn Valois fl-20 ta' Novembru.

**Liberazzjoni tal-maħqura**

Fit-tmien ċentinarju mill-approvazzjoni tar-Regola, San Ġwann Pawlu II, Papa, fis-7 ta' Ġunju 1998, kiteb hekk lil Don José Hernández Sánchez, Ministru Ġenerali tal-Ordni tat-Trinitarji:

"L-Ordni tiegħek għamel il-liberazzjoni tal-maħqura u l-imħabba għall-foqra karatteristika definittiva tal-missjoni tiegħu fil-Knisja u fid-dinja, isegwi b'fedeltà lill-fundatur qaddis li, b'ubbidjenza għal sejħa interjuri, ħassu mħeġġeġ biex jaħdem għall-ħelsien tal-iskjavi Nsara u għal servizz umli u ġeneruż lejn il-foqra bħala xhieda ta' tifħir u glorja lit-Trinità Mqaddsa.

Bl-Ordni tat-Trinitarji, il-Kristjaneżmu stabbilixxa kuntatt umanitarju mad-dinja tal-Islam. Fil-fatt, Innoċent III innifsu ppreżenta x-xogħol redentiv tal-istitut tiegħek lill-mexxejja tad-dinja Musulmana u b'hekk beda djalogu dwar il-prattika ta' ħidmiet ta' ħniena.

Tmien sekli wara, din il-kariżma eċċezzjonali għadha straordinarjament kontemporanja fil-kuntest multikulturali modern, ikkaratterizzat minn tensjonijiet u sfidi. Din il-kariżma tobbliga lit-Trinitarjani biex, b'kuraġġ, jidentifikaw forom ġodda ta' evanġelizzazzjoni, bħalma għamel Ġwanni minn Matha matul il-ħajja tiegħu.

L-istorja millenarja tal-Ordni tixhed li l-missjoni tiegħek hija dejjem f'waqtha, anki f'sitwazzjonijiet soċjali u politiċi li jinbidlu. L-eżempji ta' qdusija u martirju li jarrikkixxu l-familja reliġjuża tiegħek juru s-saħħa tal-kariżma tiegħek. Għalhekk, id-dixxipli preżenti ta' San Ġwann minn Matha u ta' Feliċ minn Valois għandhom id-dmir li jipproklamaw lid-dinja l-misteru Trinitarju, u b'hekk jgħinu, bħala appostli moderni ta' liberazzjoni għall-bniedem kontemporanju, lil dawk fil-periklu li jisfgħu priġunieri ta' forom oppressivi ta' skjavitù li jkunu inqas viżibbli iżda mhux inqas traġiċi."

**Żewġ statwi tagħhom fil-Marsa**

B'digriet tal-Isqof Pietru Pace (1889-1914) tat-12 ta' April 1913, il-knisja ddedikata

lis-Santissima Trinità fil-Marsa ġiet elevata għall-grad ta' Knisja Parrokkjali. Bħala l-ewwel Kappillan ta' din il-parroċċa l-ġdida ġie maħtur Patri Piju Dimech OFM Cap. L-inawgurazzjoni tal-parroċċa l-ġdida saret fid-19 ta' April 1913.

Din il-knisja parrokkjali ġdida, fdata lill-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini, kellha l-grazzja li sa mit-twelid tagħha jkollha bħala prokuratur lil Patri Rafel Hockey OFM Cap. Dan il-Kapuċċin żelanti, imwieled l-Isla fit-28 ta' Diċembru 1876, serva ta' prokuratur tal-knisja u tal-festa mid-19 ta' April 1913 sa ma miet bikri fl-istess kunvent tal-Marsa nhar is-17 ta' Marzu 1940. Huwa ħadem kemm felaħ biex il-knisja jkollha opri artistiċi kbar. Biżżejjed issemmi t-tużell u l-armar tal-artal maġġur bil-gandlieri, l-appostli, il-kanupew, il-ventartal bit-terħa tar-rakkmu u mitt ħaġa oħra li għadna naraw u ngawdu sal-lum tul is-sena u fil-festa titulari. Dawn l-opri artistiċi huma xhieda tal-ġenerożità, l-imħabba u l-fidi tal-Marsin lejn id-dar t'Alla Trinità.




Ta' żagħżugħ li kien, huwa kien mimli ħeġġa, iħabrek u jirsisti mhux biss biex isebbaħ it-tempju tal-Marsa b'opri artistiċi imma beda jiġbor u jħeġġeġ xi dilettanti biex jieħdu ħsieb jarmaw it-toroq, l-iktar fejn tgħaddi l-purċissjoni u l-inħawi tax-xatt. Bil-ħidma ta' bosta rġiel u ta' Patri Rafel beda ġbir minn fuq iz-zuntier fil-Ħdud u l-festi biex isir l-armar taz-zuntier. L-ewwel li saru kienu ż-żewġ pedestalli kbar bi statwi tal-qaddisin fundaturi tal-Ordni tal-Patrijiet Trinitarji: San Feliċ u San Ġwann. Bi probabbiltà kbira, dawn iż-żewġ statwi huma xogħol il-bottega tal-istatwarju Senglean Karlu Darmanin.



*Ssma Trinità Senglea*

Mhix ħaġa kbira li Patri Rafel wiret din il-ħeġġa qaddisa lejn il-misteru tat-Tliet Persuni f'Alla wieħed mill-parroċċa li wellditu. Fis-sena 1652, fil-parroċċa tal-Isla, twaqqfet il-Fratellanza tat-Trinità Qaddisa bl-iskop li jsir xi ħaġa, bħal ġbir, għal dawk l-imsejkna li jkunu waqgħu fil-jasar, sfortuna li f'dawk iż-żminijiet kienet komuni ħafna. Sa mis-sena 1700, din il-Fratellanza unika fil-gżejjer Maltin bdiet tiċċelebra l-festa b'mod

*ikompli f'paġna 77*

solenni billi żiedet torganizza purċissjoni bis-Santissmu Sagrament.

Fis-sena 1840, il-Fratellanza ġiet iddotata bl-istatwa artistika tat-Trinità Qaddisa. Din l-istatwa, kapulavur tal-iskultur Senglean Antonio Chircop (1798 - 1869), tirraffigura t-Trinità Qaddisa kif jifhimha moħħ il-bniedem.

Fl-imgħoddi din il-festa kienet meqjusa bħala t-tieni l-aktar importanti fl-Isla wara l-festa tal-Bambina u, kemm fil-knisja kif ukoll barra, il-festi kienu jsiru b'solennità kbira. Saħansitra fuq iz-zuntier tal-knisja kienu wkoll jintramaw statwi ta' San Ġwann minn Matha u ta' San Feliċ minn Valois.

***Referenzi***


- Anon, "100 sena ilu nġiebet l-isfera tal-festa," f'*Parroċċa Ssma Trinità*, Marsa, Festa 2016, p.15
- Busuttil, A., *Il-Ħajja tal-Qaddisin*, Malta, 1951
- Caruana, M., "Il-Fratellanza tat-Trinità," f'*L-Isla: Leħen il-Parroċċa*, Settembru-Ottubru 2002, nru. 88, p.3
- Dimech, P., *Il-Festa fil-Marsa u l-Għaqda Festi Esterni Ssma. Trinità*, Malta, 2000.
- Mangion, F., "Il-Kult lejn it-Trinità Qaddisa fil-Parroċċa tal-Isla," f'*Għaqda tal-Mużika Trinita` Qaddisa*, Marsa, Ġunju 2007, p.139.
- Saret ukoll referenza għal diversi siti fl-internet, inkuż il-paġna uffiċjali tat-Ordni tat-Trinitarji: *http://www.trinitari.org*